



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Jannar 2020
(OR. en)

14884/1/19
REV 1
PV CONS 68
JAI 1301
COMIX 575

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ġustizzja u Affarijiet Interni)
2 u 3 ta' Diċembru 2019

WERREJ

Pàgna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	4
2.	Approvazzjoni tal-punti "A"	4
	a) Lista mhux leġislattiva	
	b) Lista leġislattiva	

AFFARIJET INTERNI

Attivitajiet mhux leġislattivi

3.	Il-futur tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-asil	5
4.	Il-futur tas-Sigurtà Interna tal-UE	5
5.	Aġġornament mill-Grupp Kontra t-Terroriżmu (CTG) dwar kooperazzjoni ulterjuri bejn l-awtoritajiet kompetenti li jitrattaw il-ġlieda kontra t-terroriżmu	5

Deliberazzjonijiet leġislattivi

6.	Affarijiet oħra	5
	Proposti leġislattivi attwali	

Attivitajiet mhux leġislattivi

7.	Implimentazzjoni tal-interoperabbiltà	6
8.	Implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta	6
9.	Affarijiet oħra	6
	a) Mekkaniżmu ta' kooperazzjoni tal-UE dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni	
	b) Konferenza Ministerjali tal-Forum ta' Salzburg (Vjenna, 6-7 ta' Novembru 2019)	
	c) Rapport tal-Presidenza dwar il-progress li sar fl-oqsma tal-Ġustizzja u s-Sigurtà	
	d) Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Washington DC, 11 ta' Diċembru 2019)	
	e) Forum Ministerjali UE-Balkani tal-Punent dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Skopje, 18-19 ta' Novembru 2019)	
	f) Attivitajiet ta' tiftix u salvataġġ (SAR) fil-Mediterran	
	g) Laqgħa tal-Ministri għall-Intern tal-Grupp ta' Visegrad, (Praga, 21 ta' Novembru 2019)	
	h) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss	

ĠUSTIZZJA

Deliberazzjonijiet leġislattivi

10. Diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja 7
11. Affarijiet oħra 7
Proposti leġislattivi attwali

Attivitajiet mhux leġislattivi

12. Konklużjonijiet dwar id-Drittijiet tal-Vittmi 8
13. Konklużjonijiet dwar Miżuri Alternattivi għad-Detenzjoni 8
14. Konklużjonijiet dwar il-Futur tal-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Ċivili 8
15. UPPE: L-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew 8
16. Kriminalità ambjentali - Rapport finali tat-tmien ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi 8
17. Ġustizzja Diġitali: evidenza elettronika 9
- a) Negożjati għal ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar aċċess transkonfinali għal evidenza elettronika
 - b) Negożjati dwar it-tieni Protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest
18. Affarijiet oħra 9
- a) Iż-żamma ta' data għall-iskop tal-ġlieda kontra l-kriminalità: Segwitu tal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju
 - b) Rapport tal-Presidenza dwar il-progress li sar fl-oqsma tal-Ġustizzja u s-Sigurtà
 - c) Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Washington DC, 11 ta' Diċembru 2019)
 - d) Forum Ministerjali UE-Balkani tal-Punent dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Skopje, 18-19 ta' Novembru 2019)
 - e) Konferenza dwar l-għaxar sena mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (Brussell, 12 ta' Novembru 2019)
 - f) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss

ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill 10

AFFARIJIET INTERNI

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 14449/19.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġislattiva

14450/19

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 14450/19 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni.

b) Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

14451/19

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

1. Rieżami tas-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (SESF): Regolament li jemenda l-ESAs



14011/1/19 REV 1
PE-CONS 75/19
EF

Adozzjoni tal-att leġislattiv

approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-27.11.2019

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bid-delegazzjoni tar-Renju Unit tastjeni, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

2. Rieżami tas-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (SESF): Direttiva li temenda l-MiFID / Solvibbiltà II



14012/1/19 REV 1
PE-CONS 76/19
EF

Adozzjoni tal-att leġislattiv

approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-27.11.2019

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bid-delegazzjoni tar-Renju Unit tastjeni, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikoli 53(1) u 62 TFUE).

3. **Rieżami tas-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (SESF): Regolament li jemenda l-BERS**  14013/2/19 REV 2 + REV 2 ADD 1
Adozzjoni tal-att leġislattiv PE-CONS 77/19
approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-27.11.2019 EF

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bid-delegazzjoni tar-Renju Unit tastjeni, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE). Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġislattivi

3. Il-futur tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-asil 14364/19 + **COR 1**
Dibattitu ta' orjentazzjoni
4. Il-futur tas-Sigurtà Interna tal-UE 14297/19 + **COR 1**
Dibattitu ta' orjentazzjoni
5. Aġġornament mill-Grupp Kontra t-Terroriżmu (CTG) dwar 
kooperazzjoni ulterjuri bejn l-awtoritajiet kompetenti li jittrattaw
il-ġlieda kontra t-terroriżmu¹
Skambju ta' fehmiet

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

6. **Affarijiet oħra**

Proposti leġislattivi attwali
Informazzjoni mill-Presidenza

14522/19

Il-Ministri hađu nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali ta' diversi fajls leġislattivi.

¹ B'mod eċċezzjonali, fil-preżenza tal-Istati Assoċjati ma' Schengen.

Attivitajiet mhux leġislattivi

7.	Implimentazzjoni tal-interoperabbiltà	14189/19
	<i>Informazzjoni mill-Kummissjoni u l-Presidenza</i>	14190/19
	<i>Skambju ta' fehmiet</i>	
8.	Implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta	14198/19
a)	Politika strateġika pluriennali għall-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri	
b)	Sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni	
	<i>Skambju ta' fehmiet</i>	
9.	Affarijiet oħra	
a)	Mekkaniżmu ta' kooperazzjoni tal-UE dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni	
	<i>Informazzjoni mill-Kummissjoni</i>	
b)	Konferenza Ministerjali tal-Forum ta' Salzburg (Vjenna, 6-7 ta' Novembru 2019)	14153/19
	<i>Informazzjoni mill-Awstrija</i>	
c)	Rapport tal-Presidenza dwar il-progress li sar fl-oqsma tal-Ġustizzja u s-Sigurtà	14404/19
	<i>Informazzjoni mill-Presidenza</i>	
d)	Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Washington DC, 11 ta' Diċembru 2019)	14165/19
	<i>Informazzjoni mill-Presidenza</i>	14344/19
e)	Forum Ministerjali UE-Balkani tal-Punent dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Skopje, 18-19 ta' Novembru 2019)	
	<i>Informazzjoni mill-Presidenza</i>	
f)	Attivitajiet ta' tiftix u salvataġġ (SAR) fil-Mediterran	
	<i>Informazzjoni mill-Italja</i>	
g)	Laqgħa tal-Ministri għall-Intern tal-Grupp ta' Visegrad, (Praga 21 ta' Novembru 2019)	
	<i>Informazzjoni mir-Repubblika Ċeka</i>	
h)	Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss	
	<i>Preżentazzjoni mill-Kroazja</i>	

Deliberazzjonijiet leġislattivi
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

10. Diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja

- a) **Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1393/2007 dwar in-Notifika ta' Dokumenti**  14599/19 + ADD1-2
Approċċ ġenerali
- b) **Regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda**  14601/19 + ADD 1
Approċċ ġenerali

Il-Kunsill adotta approċċ ġenerali dwar iż-żewġ proposti, ħlief għall-Annessi (li jinsabu fid-dokumenti 14599/19 u 14601/19).

a) Notifika ta' dokumenti

Id-dikjarazzjoni mill-Estonja, l-Irlanda u l-Portugall, u d-dikjarazzjoni mill-Awstrija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovenja u Spanja jinsabu fl-Anness.

b) Kumpilazzjoni ta' xhieda

Id-dikjarazzjoni mill-Awstrija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovenja u Spanja tinsab fl-Anness.

11. Affarijiet oħra

Proposti leġislattivi attwali
Informazzjoni mill-Presidenza

14522/19

Il-Ministri ħadu nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali ta' diversi fajls leġislattivi.

Attivitajiet mhux leġislattivi

12. **Konklużjonijiet dwar id-Drittijiet tal-Vittmi** [2] 14056/19 + COR 1
Adozzjoni
- Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet dwar id-drittijiet tal-vittmi kif jinsabu fid-dokument 14056/19 + COR 1.
- Diversi delegazzjonijiet esprimew l-appoġġ tagħhom għall-konklużjonijiet u enfasizzaw l-importanza ta' aktar ħidma fuq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità. Il-Kummissjoni indikat li ser taħdem fuq strateġija komprensiva tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi.
- Id-delegazzjoni tar-Renju Unit informat lill-Ministri dwar l-aħħar żviluppi dwar l-attakk li sar fuq il-Pont ta' Londra fid-29 ta' Novembru 2019.
13. **Konklużjonijiet dwar Miżuri Alternattivi għad-Detenzjoni** [2] 14075/19 + COR 1 + COR 2
Adozzjoni
- Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 14075/1+ COR 1 + COR 2.
14. **Konklużjonijiet dwar il-Futur tal-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Ċivili** [2] 14448/19 + COR 1
Adozzjoni
- Wara skambju ta' fehmiet flivell ministerjali, il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet dwar il-Futur tal-Kooperazzjoni tal-Ġustizzja Ċivili kif jinsabu fid-dokument 14448/19 + COR 1.
15. UPPE: L-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku 14064/19
Ewropew
Sitwazzjoni attwali
16. **Kriminalità ambjentali - Rapport finali tat-tmien ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi** [2] 14065/19 + COR 1
Preżentazzjoni u skambju ta' fehmiet
- Il-Kunsill ħa nota tar-"Rapport Finali tat-tmien ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi dwar il-Kriminalità Ambjentali" kif jinsab fid-dokument 14065/19. Ir-rapport jiġbor fil-qosor ir-rapporti individwali tal-Istati Membri kollha fl-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni prattika tal-politiki tal-UE dwar il-prevenzjoni u l-għieda kontra l-kriminalità ambjentali fil-qasam tat-traffikar illegali ta' skart u l-produzzjoni u t-trattament illegali ta' materjali perikolużi.

Il-Kunsill stieden lill-Istati Membri biex jiżguraw segwitu f'waqtu tar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-rapporti individwali u fir-rapport finali, sabiex jissaħħu l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali. Il-Kummissjoni informat lill-Kunsill li hija ser tagħmel użu mir-rapport finali meta tirrieżamina d-Direttiva dwar il-Kriminalità ambjentali (id-Direttiva 2008/99/KE).

- | | | |
|-----|---|----------------------|
| 17. | Ġustizzja Diġitali: evidenza elettronika | |
| a) | Negożjati għal ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar aċċess transkonfinali għal evidenza elettronika | 13713/19 R-UE |
| b) | Negożjati dwar it-tieni Protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest
<i>Sitwazzjoni attwali</i> | 14342/19 R-UE |
| 18. | Affarijiet oħra | |
| a) | Iż-żamma ta' data għall-iskop tal-ġlieda kontra l-kriminalità: Segwitu tal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju
<i>Informazzjoni mill-Kummissjoni</i> | 10083/19
14404/19 |
| b) | Rapport tal-Presidenza dwar il-progress li sar fl-oqsma tal-Ġustizzja u s-Sigurtà
<i>Informazzjoni mill-Presidenza</i> | 14165/19 |
| c) | Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Washington DC, 11 ta' Diċembru 2019)
<i>Informazzjoni mill-Presidenza</i> | 14344/19 |
| d) | Forum Ministerjali UE-Balkani tal-Punent dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Skopje, 18-19 ta' Novembru 2019)
<i>Informazzjoni mill-Presidenza</i> | |
| e) | Konferenza dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE
10 snin (Brussell, 12 ta' Novembru 2019)
<i>Informazzjoni mill-Kummissjoni</i> | |
| f) | Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
<i>Preżentazzjoni mill-Kroazja</i> | |

-
-  L-ewwel qari
-  Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
-  Punt ristrett
-  Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
- R-UE** Dokument klassifikat RESTREINT UE/EU RESTRICTED

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 14449/19

Dwar il-punt "B"
nru 10:

Diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja

- a) **Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1393/2007 dwar in-Notifika ta' Dokumenti**
Approċċ ġenerali
- b) **Regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda**
Approċċ ġenerali

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA, IĊ-ĊEKJA, L-ESTONJA, IL-ĠERMANJA, L-UNGERIJA, L-ITALJA, IN-NETHERLANDS, IL-PORTUGALL, IS-SLOVENJA U SPANJA

"Wieħed mill-oġġettivi ta' dawn ir-Regolamenti huwa li tiġi diġitalizzata t-trasmissjoni ta' talbiet għan-notifika ta' dokumenti u l-kumpilazzjoni ta' xhieda bejn l-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri differenti. Għal dan il-għan, iż-żewġ Regolamenti jappellaw għall-istabbiliment ta' sistema deċentralizzata elettronika obbligatorja tal-IT. Il-firmatarji jilqgħu l-oġġettiv tal-proposta tal-Kummissjoni u t-test ta' kompromess tal-Presidenza Finlandiża.

Ir-Regolamenti ma jsemmux b'mod espliċitu soluzzjoni ta' software speċifika biex ir-Regolamenti jibqgħu validi fil-futur f'ambjent teknoloġiku li jinbidel malajr. Madankollu, l-Istati Membri u l-Kummissjoni qablu li l-atti ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti ser jispeċifikaw is-sistema e-CODEX bħala s-soluzzjoni ta' software adatta. Il-firmatarji jappoġġaw din l-għażla u l-użu tal-e-CODEX għal dan it-tip ta' skambju tad-data.

Filwaqt li jittieħed kont ta' dan, niġbdu l-attenzjoni għall-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sostenibbiltà tal-e-CODEX (Novembru 2014), li jipproponu l-opportunità li Aġenzija eżistenti indipendenti tal-UE tiġi fdata bil-governanza tal-e-CODEX. Filwaqt li jfakkru wkoll fil-Pjan Direzzjonali tal-e-CODEX (Novembru 2016) u fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-e-CODEX (Ġunju 2017), li stiednu lill-Kummissjoni "biex tippreżenta proposta għall-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-e-CODEX, billi ttipprovdi l-arranġamenti tekniċi u legali meħtieġa li jippermettu lill-eu-LISA tiżgura il-manutenzjoni u l-interoperabbiltà tagħha", il-firmatarji jappellaw lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-e-CODEX, filwaqt li ttipprovdi l-arranġamenti legali u tekniċi meħtieġa li jippermettu lill-eu-LISA tiżgura l-manutenzjoni u l-interoperabbiltà tagħha. Dan għandu jsir qabel ma jiġu adottati l-atti ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti.

Nappellaw ukoll lill-Kummissjoni biex ttipprovdi r-riżorsi meħtieġa li jippermettu lil din l-organizzazzjoni tiżgura l-manutenzjoni u l-interoperabbiltà tal-e-CODEX u biex tippreżenta pjan rigward il-proposta leġislattiva meħtieġa għall-manutenzjoni futura tal-e-CODEX."

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA , L-IRLANDA U L-PORTUGALL

"Wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' dan ir-Regolament huwa li jkompli jtejjeb l-effiċjenza u l-ħeffa tal-proċedimenti ġudizzjarji, b'mod li jżomm jew itejjeb il-livell eżistenti ta' aċċess għall-ġustizzja u l-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża fi proċedimenti transkonfinali, u li jnaqqas il-piżijiet għaċ-ċittadini u n-negozji involuti fi proċedimenti transkonfinali li jirriżultaw minn spejjeż u dewmien bla bżonn. Dan jista' jinkiseb permezz ta' użu aħjar tal-iżviluppi tekniċi u l-mezzi elettroniċi għan-notifika ta' dokumenti proċedurali f'materji ċivili u kummerċjali.

Il-firmatarji jilqgħu l-oġettiv tal-proposta tal-Kummissjoni u t-test ta' kompromess tal-Preidenza Finlandiża. Hemm ħafna aspetti fit-test ta' kompromess li l-firmatarji jistgħu jkunu sodisfatti ħafna bihom.

Madankollu, l-Artikolu 14a(2), li jippermetti li Stat Membru jindika l-kondizzjonijiet li taħthom huwa ser jaċċetta n-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji lil persuni b'indirizz fit-territorju tiegħu permezz tal-posta elettronika, iħalli lill-Istati Membri b'possibbiltà kbira li ma jaċċettawx notifika bil-posta elettronika fit-territorju tagħhom. Ma hemm l-ebda limitazzjoni prevista għall-kondizzjonijiet li l-Istati Membri jistgħu jindikaw, u b'hekk ikun possibbli li ssir oġġezzjoni għaliha bħala tali. Sabiex jiġi segwit l-oġettiv ewlieni tar-Regolament huwa wkoll vitali li jiġi segwit il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni - l-Istati Membri li jaċċettaw il-posta elettronika bħala metodu validu ta' notifika domestikament għandhom jaċċettawha f'każijiet transkonfinali wkoll. Jekk ma jiġix irrispettat il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, l-oġettiv ewlieni tar-Regolament jiġi pperikolat.

Il-firmatarji jiddispjaċihom li ma kienx hemm biżżejjed żmien biex jitqies l-impatt ta' din l-oġġezzjoni fuq il-proċedimenti ġudizzjarji u fuq id-drittijiet tal-partijiet qabel l-adozzjoni tal-approċċ ġenerali. Aħna nemmnu li huwa essenzjali li tinstab soluzzjoni aħjar fit-trilogi li ġejjin mal-Parlament Ewropew, li tkun tista' tilħaq aħjar l-għan tal-proposta tal-Kummissjoni."

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 14451/19

Dwar il-punt "A" **Rieżami tas-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (SESF):**
nru 3: **Regolament li jemenda l-BERS**
 Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI MIN-NETHERLANDS

"Filwaqt li jappoġġaw il-pakkett globali dwar ir-rieżami tas-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (rieżami tas-SESF), in-Netherlands jiddispjaċihom li l-emendi tar-Regolament dwar il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) ma jindirizzawx għalkollox it-tħassib ripetut tagħna fir-rigward ta' konflitt ta' interessi potenzjali bejn il-BERS u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Fl-istess ħin nirrikonoxxu t-titjib previst f'dan ir-Regolament emendat, pereżempju fir-rigward tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ewwel Viċi President tal-BERS. Nappellaw lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkunsidra mudelli alternattivi possibbli għall-governanza tal-BERS meta tirrapporta dwar il-missjoni u l-organizzazzjoni tal-BERS f'rapport futur dwar il-BERS. In-Netherlands ser ikomplu jaħdmu b'mod kostruttiv biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni."
